# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 10 ta' April 2024**

**Rik. Div.Nru.: 70/2024 JPG**

**Kawza nru.: 20**

**AC**

**U**

**MC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 8 ta' Frar 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar l-għaxra ta' Lulju tas-sena elf disa' mija sitta u sebgħin (10.07.1976) fil-Knisja Taljana ta' San Pietru ġewwa Londra, ir-Renju Unit, u dan skont ma jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieg relattiv hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok A****.*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ tnisslu tlett ulied ossia EC, imwielda f'X, KC imwieled f'Y u SC imwieled f'Z, illi llum ilkoll huma maġġorenni.*

3. *Illi l-partijiet huma legalment separati minn xulxin ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni redatt min-Nutar Dottor Joseph Tabone tat-tmienja ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija tnejn u disgħin (08.06.1992), kopja ta' liema att jinsab hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok B,*** *liema att sussegwentament ġie emendat permezz ta' żewġ atti sussegwenti ossia att redatt min-Nutar Dottor Edward Flores tal-ħdax ta' Ottubru tas-sena elf*

*disa' mija ħamsa u disgħin (11.10.1995), kopja ta' liema att jinsab hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok C,*** *u att redatt min-Nutar Dottor Francesca Portelli tat-tlieta u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u ħmistax (23.02.2015), kopja ta' liema att jinsab hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok D.***

4. *Illi ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet in konnessjoni ma' kwalunkwe ħlas ta' manteniment jew spejjeż oħra fil-konfront ta' xulxin.*

5. *Illi ma hemm l-ebda prospett jew tama ghal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li huma legalment separati minn xulxin, huma ilhom snin jgħixu wkoll ħajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-otteniment ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. *Illi qed jigi annessi mar-rikors odjern affidavits tal-partijiet, hawn annessi u mmarkati bħala* ***Dok E1*** *u* ***Dok E2.***

*Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment jitlobu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieg (divorzju) bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieg (divorzju) tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*U dan skont dawk id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AC xehed (vide affidavit fol 10)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar l-l-10 ta' Lulju 1976 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntrat datat 8 ta' Gunju 1992 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Tabone. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghall-rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**MC xehdet (vide affidavit fol 11 )** u kkonfermat u kkorroborat x-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar 10 ta' Lulju 1976 liema zwieg igib certifikat numru 159 tas-sena 1976 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 2A, Dok A). Minn

dan iz-zwieg twieldu tlett itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta’ kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joeph Tabone nhar it-8 ta’ Gunju 1992 (Vide fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta’ zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta’ manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 159 tas-sena 1976 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**